MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 623/2006

**The Guard & Warden Service House Limited (C24632)**

**Vs**

**Sylvio Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas s-somma ta' mija u tmintax il-Liri Maltin (Lm118) rapprezentanti somma dovuta mill-konvenut ghal servizzi rezi lilu f'Awissu 2005 in konnessjoni ma' party skond fattura (Dok A), bl-ispejjes u l-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni ;

Ra illi l-konvenut kien notifikat bl-Avviz tat-talba u kif wkoll l-Avviz ghas-smiegh ghas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2006 ;

Ra illi l-konvenut la pprezenta risposta fiz-zmien moghti bil-ligi u lanqas ma` pprezenta ruhu fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2006 ;

Sema x-xhieda ta' Charles Curmi moghtija fis-26 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha, l-istess xhud, in rapprezentanza tas-socjeta` attrici ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont shih kif mitlub fl-Avviz kien ghadu dovut ;

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi ghat-talba attrici kif kkonfermata mix-xhud Charles Curmi ma hemm ebda opposizzjoni da parti tal-konvenut, anke jekk jirrizulta debitament notifikat ;

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut Sylvio Bartolo ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmintax il-Liri Maltin (Lm118) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes kif miltub u bl-imghax illi jibda` jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------